MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 350/2012

**Vodafone Malta Limited [C-10865]**

**vs**

**Glorianne SPITERI [ID. Nru. 0031493(M)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fid-9 ta' Mejju, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' hames mija u tmienja u erbghin euro u ghaxar centezmi ta' euro [€548.10] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Hlas tal-ammont ta' hames mija u tmienja u erbghin ewro u ghaxar centezmu tal-ewro (€548.10) dovut mill-konvenuta lis-socjeta attrici ghal servizzi rezi u prodotti provduti mis-socjeta attrici lill-konvenuta fuq talba u a beneficcju tal-istess konvenuta skont ftehim bil-miktub

iffirmat bejn il-kontendenti, vide statement of account hawn anness u mmarkat bhala Dok. VF 1.

Illi l-konvenuta minkejja li giet debitament interpellata ghal hlas baqghet inadempjenti.

Bl-imghax mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 607/2012 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 793/12, ipprezentati fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet fuq premessi, kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta' Ottubru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta' Ottubru, 2012 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hames mija u tmienja u erbghin euro u ghaxar centezmi ta' euro [€548.10], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------